B 2789

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 21,169, 22 ta' Diċembru, 2023
Taqsima B

A.L. 303 tal-2023

ATT DWAR L-IMMIGRAZZJONI
(KAP. 217)

Regolamenti tal-2023 dwar il-Kondizzjonijiet tad-Dħul u tar-Residenza ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi għall-Finijiet ta' Impjieg bi Kwalifiki Għoljin

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 36 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, il-Ministru responsabbli għall-immigrazzjoni għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2023 dwar il-Kondizzjonijiet tad-Dħul u tar-Residenza ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi għall-Finijiet ta' Impjieg bi Kwalifiki Għoljin.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu li jittrasponu d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2021/1883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2021 dwar il-kondizzjonijiet tad-dħul u tar-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-fini ta' impjieg bi kwalifiki għoljin, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2009/50/KE.

(3) Dawn ir-regolamenti jistabbilixxu:

(a) il-kondizzjonijiet tad-dħul u tar-residenza għal aktar minn tliet (3) xhur fit-territorju tal-Istati Membri u d-drittijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' impjieg bi kwalifiki għoljin u tal-membri tal-familja tagħhom;

(b) il-kondizzjonijiet tad-dħul u tar-residenza u d-drittijiet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u tal-membri tal-familja tagħhom fi Stati Membri għajr l-Istat Membru li jagħti l-Karta Blu tal-UE l-ewwel.

Tifsir.

2. Għall-fini ta' dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali" tfisser l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali mwaqqfa bl-artikolu 3 tal-Ordni dwar it-Twaqqif tal-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali; L.S. 595.36.

"Att" tfisser l-Att dwar l-Immigrazzjoni; Kap. 217.

"attività tan-negozju" tfisser attività temporanja direttament relatata mal-interessi tan-negozju ta' min iħaddem u mad-

dmirijiet professjonali tad-detentur tal-Karta Blu tal-UE abbażi tal-kuntratt tax-xogħol fl-ewwel Stat Membru, inkluż l-attendenza għal laqgħat tan-negozju interni jew esterni, l-attendenza għal konferenzi jew seminars, in-negozjar ta' ftehimiet kummerċjali, twettiq ta' attivitajiet ta' bejgħ jew ta' kummerċjalizzazzjoni, esplorazzjoni ta' opportunitajiet ta' negozju, jew attendenza u riċeviment ta' taħriġ;

L.S. 595.07.

"awtorità kompetenti" tfisser l-Aġenzija Identità Malta mwaqqfa bl-artikolu 3 tal-Ordni li Jwaqqaf l-Aġenzija Identità Malta;

"ċittadin ta' pajjiż terz" tfisser kwalunkwe persuna li ma tkunx ċittadina tal-Unjoni Ewropea fi ħdan it-tifsira tal-artikolu 20(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

"esperjenza professjonali" tfisser iż-żmien veru u leġittimu fil-professjoni kkonċernata;

"ħiliet professjonali ogħla" tfisser:

(a) fir-rigward tax-xogħlijiet elenkati fl-Iskeda, għarfien, ħiliet u kompetenzi vverifikati minn esperjenza professjonali f'livell komparabbli ma' kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla, li huma rilevanti għall-professjoni jew settur speċifikat fil-kuntratt tax-xogħol jew fl-offerta vinkolanti ta' impjieg, u li ġew miksuba matul it-tul ta' żmien stabbilit fl-Iskeda għal kull xogħol rilevanti;

(b) fir-rigward ta' xogħlijiet oħra, biss fejn previst mil-liġi jew proċeduri applikabbli, għarfien, ħiliet u kompetenzi vverifikati b'mill-inqas ħames (5) snin ta' esperjenza professjonali f'livell komparabbli ma' kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla u li huma rilevanti għall-professjoni jew settur speċifikat fil-kuntratt tax-xogħol jew fl-offerta vinkolanti ta' impjieg;

"impjieg bi kwalifiki għoljin" tfisser l-impjieg ta' persuna li:

Kap. 452.

(a) hi protetta bħala impjegata taħt l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, irrispettivament mir-relazzjoni ġuridika, għall-finijiet tal-eżerċizzju ta' xogħol ġenwin u effettiv għal, jew taħt id-direzzjoni ta' xi ħadd ieħor;

(b) titħallas; u

(ċ) għandha l-kwalifiki professjonali ogħla meħtieġa;

"ISCO" tfisser Klassifika Internazzjonali Standard tal-Impjiegi;

"Karta Blu tal-UE" tfisser permess ta' residenza li jkollu fuqu t-terminu "Karta Blu tal-UE" li jintitola lid-detentur tiegħu sabiex jirrisjedi u jaħdem fit-territorju ta' Malta;

"kwalifiki professjonali ogħla" tfisser kwalifiki li jagħtu prova b'evidenza ta' kwalifiki ta' edukazzjoni ogħla jew ħiliet professjonali ogħla;

"kwalifiki ta' edukazzjoni għolja" tfisser kwalunkwe diploma, ċertifikat jew evidenza oħra ta' kwalifiki formali mogħtija minn istituzzjoni ta' edukazzjoni ogħla li tagħti prova tat-tlestija b'suċċess ta' programm post-sekondarju ta' edukazzjoni ogħla, bħal sett ta' korsijiet provduti minn stabbiliment edukattiv rikonoxxut miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni, kwalunkwe ċentru ieħor li huwa membru tan-netwerks ENIC/NARIC u kif elenkati min-netwerks ENIC/NARIC:

Iżda għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, kwalifika ta' edukazzjoni ogħla għandha titqies, bil-kundizzjoni li l-istudji meħtieġa għall-kisba tagħha kienu ta' mill-inqas tliet (3) snin u jirreferu għall-Qafas Malti tal-Kwalifiki 6 sa 8;

"l-ewwel Stat Membru" tfisser l-Istat Membru li jagħti Karta Blu tal-UE lil ċittadin ta' pajjiż terz l-ewwel;

"membri tal-familja" tfisser ċittadini ta' pajjiżi terzi kif imfissra fir-regolament 4(1) tar-Regolamenti dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji; L.S. 217.06.

"professjoni mhux regolata" tfisser professjoni li ma hijiex professjoni regolata;

"professjoni regolata" tfisser attività professjonali, li l-aċċess għaliha, it-twettiq tagħha, jew wieħed mill-modi ta' kif titwettaq jkun soġġett, direttament jew indirettament, bis-saħħa ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji jew amministrattivi għall-pussess ta' kwalifiki professjonali speċifiċi;

"protezzjoni internazzjonali" tfisser il-protezzjoni internazzjonali mogħtija skont l-artikolu 8 tal-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali; Kap. 420.

"Regolament (KE) Nru 1030/2002" tfisser ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1030/2002 tat-13 ta' Ġunju 2002 li jippreskrivi format uniformi għall-permessi ta' residenza għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz;

"Regolament (KE) Nru 883/2004" tfisser ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali;

"salarju annwali gross" tfisser is-salarju annwali gross medju ppublikat mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika fl-Istħarriġ dwar is-Suq tax-Xogħol;

"tieni Stat Membru" tfisser kwalunkwe Stat Membru li fih id-detentur tal-Karta Blu tal-UE jkollu l-ħsieb li jeżerċita jew qiegħed jeżerċita d-dritt ta' mobilità skont dawn ir-regolamenti, għajr l-ewwel Stat Membru.

Applikabiltà.

3. (1) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li japplikaw sabiex jidħlu, jew li kienu daħlu fit-territorju ta' Malta għall-fini ta' impjieg bi kwalifiki għoljin skont dawn ir-regolamenti.

(2) Dawn ir-regolamenti ma għandhomx japplikaw għal ċittadini ta' pajjiżi terzi:

(a) li jfittxu protezzjoni internazzjonali u qegħdin jistennew deċiżjoni dwar l-istatus tagħhom jew li huma benefiċjarji ta' protezzjoni temporanja skont ir-Regolamenti dwar Standards Minimi għall-Protezzjoni Temporanja ta' Rifuġjati;

L.S. 420.05.

(b) li jfittxu protezzjoni skont il-leġiżlazzjoni Maltija, obbligi internazzjonali jew prattika ta' Stat Membru ieħor u li jkunu qegħdin jistennew deċiżjoni dwar l-istatus tagħhom, jew li huma benefiċjarji ta' protezzjoni skont il-leġiżlazzjoni Maltija, obbligi internazzjonali jew prattika ta' Stat Membru ieħor;

(ċ) li japplikaw sabiex jirrisjedu f'Malta bħala riċerkaturi skont r-Regolamenti dwar il-Kondizzjonijiet ta' Dħul u Residenza ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi għall-Finijiet ta' Riċerka, Studji, Taħriġ u Servizz Volontarju fil-Proġett ta' Mobilità għaż-Żgħażagħ: Proġetti Volontarji;

L.S. 217.22.

(d) li jgawdu minn status ta' resident tal-Unjoni Ewropea għal żmien twil skont ir-Regolamenti dwar Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi) u li

L.S. 217.05.

jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jirrisjedu fi Stat Membru ieħor sabiex iwettqu attività ekonomika f'kapaċità ta' impjegati jew għal rashom;

(e) li jidħlu f'Malta għal impenji li jinsabu fi ftehim internazzjonali li jiffaċilita d-dħul u s-soġġorn temporanju ta' persuni fiżiċi relatati ma' ċerti kategoriji ta' negozju u l-investiment, għajr ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu daħlu fit-territorju ta' Malta bħala trasferiment intra-ażjendali skont ir-Regolamenti dwar il-Kondizzjonijiet għad-Dħul u r-Residenza ta' Ċittadini ta' Pajjiż Terz, fil-Qafas ta' Trasferimenti Intra-ażjendali; L.S. 217.21.

(f) li t-tkeċċija tagħhom ġiet sospiża għal raġunijiet ta' fatt jew ta' liġi;

(g) huma koperti mir-Regolamenti dwar Impjegati Stazzjonati f'Malta matul iż-żmien tal-istazzjonar tagħhom; jew L.S. 452.82.

(h) li taħt xi ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri min-naħa waħda, u pajjiżi terzi min-naħa l-oħra bħala ċittadini ta' dawk il-pajjiżi terzi, jgawdu d-drittijiet għal moviment liberu ekwivalenti għal dawk taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom ikunu bla ħsara għad-dritt li jinħarġu permessi ta' residenza għajr Karta Blu tal-UE għall-fini ta' impjieg bi kwalifiki għoljin. Tali permessi ta' residenza ma għandhomx jagħtu dritt ta' residenza fi Stati Membri oħra kif previst f'dawn ir-regolamenti.

TAQSIMA I

Kriterji għad-Dħul, Rifjut u Irtirar

Kriterji għad-dħul

4. (1) Applikant għal Karta Blu tal-UE għandu:

(a) jippreżenta kuntratt tax-xogħol validu jew, kif previst fl-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, offerta vinkolanti ta' impjieg għal impjieg bi kwalifiki għoljin għal perjodu ta' mill-inqas sitt (6) xhur f'Malta: Kap. 452.

Iżda s-salarju ta' kull xahar jew annwali speċifikat f'kuntratt ta' xogħol validu ma għandux ikun inqas mil-limitu tas-salarju rilevanti imfisser u ppubblikat għal dak l-għan, li għandu jkun mill-inqas wieħed punt ħamsa (1.5) drabi l-ammont tas-salarju gross annwali medju f'Malta:

Iżda wkoll meta il-Ministru responsabbli għall-impjieg, minn żmien għal żmien, jiddetermina ħtieġa partikolari ta' ħaddiema ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u li jappartjenu għall-gruppi ewlenin 1 u 2 tal-ISCO, il-limitu tas-salarju jista' jkun mill-inqas wieħed punt tnejn (1.2) drabi l-ammont tas-salarju gross annwali medju f'Malta:

Iżda wkoll il-Ministru responsabbli għall-impjieg kull sena għandu jikkomunika lill-Kummissjoni Ewropea l-elenku tal-professjonijiet li għalihom tkun ġiet deċiża deroga;

(b) għal professjonijiet mhux regolati, jippreżenta dokumenti li jagħtu prova tal-kwalifiki professjonali ogħla relatati max-xogħol li ser isir;

(ċ) għal professjonijiet regolati, jippreżenta dokumenti li jagħtu prova li jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti skont il-liġi għall-eżerċizzju miċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea tal-professjoni regolata speċifikata fil-kuntratt tax-xogħol jew fl-offerta vinkolanti ta' impjieg, skont ir-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki Professjonali;

L.S. 451.03.

(d) jippreżenta dokument validu tal-ivjaġġar, kif determinat mil-liġi, u jekk meħtieġ, applikazzjoni għal viża, viża valida jew, fejn applikabbli, permess ta' residenza validu jew ta' viża valida għal soġġorn twil;

(e) jipprovdi evidenza li applika għal assigurazzjoni tal-mard għar-riskji kollha normalment koperti għaċ-ċittadini Maltin għall-perjodi meta l-ebda tali kopertura tal-assigurazzjoni jew intitolament korrispondenti għall-benefiċċji ma huma previsti f'rabta ma', jew li jirriżultaw mill-kuntratt tax-xogħol.

(2) Kondizzjonijiet stabbiliti fi ftehimiet kollettivi jew stabbiliti bi prattiċi jew fil-liġi fl-oqsma okkupazzjonali rilevanti għal impjieg bi kwalifiki għoljin għandhom jiġu osservati wkoll.

(3) Fejn il-Karta Blu tal-UE maħruġa matul il-perjodu ta' tliet (3) snin tiġi mġedda, il-limitu tas-salarju msemmi fis-subregolament (1) għandu jkompli japplika jekk:

(a) il-perjodu inizjali ta' tliet (3) snin ma jkunx għadda; jew

(b) perjodu ta' erbgħa u għoxrin (24) xahar wara l-ħruġ tal-ewwel Karta Blu tal-UE ma jkunx għadda.

(4) Fejn applikazzjoni għal Karta Blu tal-UE tikkonċerna

ċittadin ta' pajjiż terz li għandu permess ta' residenza għall-fini ta' impjieg bi kwalifiki għoljin maħruġ mill-awtorità kompetenti, l-awtorità kompetenti ma għandhiex:

(a) titlob lill-applikant sabiex jippreżenta d-dokumenti previsti fil-paragrafu (b) jew (ċ) tas-subregolament (1), jekk il-kwalifiki professjonali ogħla rilevanti kienu diġà vverifikati fil-kuntest tal-applikazzjoni għall-permess ta' residenza;

(b) titlob lill-applikant sabiex jippreżenta l-evidenza prevista fil-paragrafu (e) tas-subregolament (1), sakemm l-applikazzjoni ma tiġix sottomessa fil-kuntest ta' bidla fl-impjieg, f'liema każ ir-regolament 13 għandu japplika skont dan; u

(ċ) tapplika r-regolament 6(1)(e), sakemm l-applikazzjoni ma tiġix sottomessa fil-kuntest ta' bidla fl-impjieg, f'liema każ ir-regolament 13 għandu japplika skont dan.

(5) Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat għandu jiġi mitlub sabiex jipprovdi l-indirizz tiegħu f'Malta:

Iżda fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ma jkunx għadu jaf l-indirizz futur tiegħu, l-awtorità kompetenti għandha taċċetta indirizz temporanju. F'każijiet bħal dawn, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jipprovdi l-indirizz permanenti tiegħu l-aktar tard meta tinħareġ il-Karta Blu tal-UE skont ir-regolament 8.

Volumi ta' dħul.

5. Dawn ir-regolamenti ma għandhomx jaffettwaw id-dritt tal-awtorità kompetenti wara li tikkonsulta lill-entitajiet pertinenti sabiex tiddetermina l-volumi ta' dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jidħlu Malta, għall-finijiet ta' impjieg bi kwalifiki għoljin, skont il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol ta' Malta.

Raġunijiet għal rifjut ta' applikazzjoni għal Karta Blu tal-UE.

6. (1) Applikazzjoni għal Karta Blu tal-UE għandha tiġi rrifjutata għal raġunijiet ġustifikati:

(a) fejn il-kriterji msemmija fir-regolament 4 ma jkunux ġew imħarsa;

(b) fejn id-dokumenti ppreżentati jkunu ġew akkwistati b'mod frawdolenti, iffalsifikati jew imbagħbsa;

(ċ) fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jitqies bħala theddida għall-politika pubblika, is-sigurtà pubblika jew is-saħħa pubblika;

(d) fejn in-negozju ta' min iħaddem kien stabbilit jew jopera bl-għan ewlieni li jiffaċilita d-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi

terzi;

(e) fejn l-awtorità kompetenti, wara li tevalwa s-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol, f'każ fejn ikun hemm livell għoli ta' qgħad, tikkonkludi li l-post battal ikkonċernat jista' jimtela mill-forza tax-xogħol nazzjonali jew tal-Unjoni Ewropea, jew minn ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu legalment residenti f'Malta u li diġà jiffurmaw parti mis-suq tax-xogħol tagħha skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea jew Maltija, jew minn residenti għal żmien twil tal-Unjoni Ewropea li jixtiequ jiġu Malta għal impjieg bi kwalifiki għoljin;

(f) fejn min iħaddem ikun naqas milli jissodisfa l-obbligi legali tiegħu rigward tas-sigurtà soċjali, it-tassazzjoni, id-drittijiet tax-xogħol jew il-kondizzjonijiet tax-xogħol;

(g) fejn in-negozju ta' min iħaddem ikun qed jiġi, jew ġie, stralċ taħt il-liġijiet nazzjonali tal-insolvenza jew ma jwettaq l-ebda attività ekonomika;

(h) fejn min iħaddem ikun ġie sanzjonat għall-impjieg ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti illegalment skont ir-regolament 7 tar-Regolamenti dwar Standards Minimi għal Sanzjonijiet u Miżuri kontra Min Iħaddem lil Ċittadini minn Pajjiżi Terzi b'Residenza Illegali, jew meta l-impjieg ikun seħħ bi ksur tal-liġi tax-xogħol applikabbli, inkluż dawn ir-regolamenti, jew fejn l-impjieg ma jkunx iddikjarat mal-awtoritajiet kompetenti; jew

L.S. 217.14.

(i) li jiżgura reklutaġġ etiku fi professjonijiet li jbatu minn nuqqas ta' ħaddiema kwalifikati fil-pajjiżi ta' oriġini, inkluż abbażi ta' ftehim li jelenka l-professjonijiet għal dak l-għan bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri fuq naħa waħda, u pajjiż terz wieħed (1) jew aktar fuq in-naħa l-oħra, jew bejn l-Istati Membri fuq naħa waħda, u pajjiż terz wieħed (1) jew aktar fuq in-naħa l-oħra.

(2) Bla ħsara għas-subregolament (1), kwalunkwe deċiżjoni sabiex applikazzjoni tiġi rrifjutata għandha tqis iċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ u għandha tirrispetta l-prinċipju ta' proporzjonalità.

Raġunijiet għall-irtirar jew rifjut ta' tiġdid tal-Karta Blu tal-UE.

7. (1) L-awtorità kompetenti għandha tirtira jew tirrifjuta li ġġedded Karta Blu tal-UE fejn:

(a) il-Karta Blu tal-UE jew id-dokumenti ppreżentati jkunu ġew akkwistati b'mod frawdolenti, iffalsifikati jew imbagħbsa;

(b) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ma jibqax fil-

pussess ta' kuntratt ta' xogħol validu għal impjieg bi kwalifiki għoljin;

(ċ) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ma jibqax fil-pussess ta' kwalifiki msemmija fil-paragrafi (b) jew (ċ) tar-regolament 4(1);

(d) is-salarju taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ma jibqax jilħaq il-limitu tas-salarju stabbilit skont ir-regolament 4(1), kif applikabbli;

(e) jeżistu raġunijiet ta' politika pubblika, sigurtà pubblika jew saħħa pubblika;

(f) min iħaddem ikun naqas milli jissodisfa l-obbligi legali tiegħu rigward tas-sigurtà soċjali, it-tassazzjoni, id-drittijiet tax-xogħol jew il-kondizzjonijiet tax-xogħol;

(g) id-detentur tal-Karta Blu tal-UE ma jkollux biżżejjed riżorsi sabiex imantni lilu nnifsu u, fejn applikabbli, lill-membri tal-familja tiegħu mingħajr ma jirrikorri għall-għajnuna soċjali skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali u r-regolamenti magħmula taħtu; Kap. 318.

(h) id-detentur tal-Karta Blu jkun qiegħed jirrisjedi f'Malta għal finijiet oħra għajr dawk li għalihom hu kien awtorizzat li jirrisjedi;

(i) il-kondizzjonijiet taħt il-liġi applikabbli, stabbiliti fi ftehimiet kollettivi jew stabbiliti bi prattiċi fil-fergħat okkupazzjonali rilevanti għal impjieg bi kwalifiki għoljin ma jibqgħux jiġu ssodisfati;

(j) id-detentur tal-Karta Blu tal-UE ma jkunx ikkonforma mal-proċeduri rilevanti kif previst fis-subregolamenti (2)(a), (3) jew (4) tar-regolament 13;

(k) id-detentur tal-Karta Blu tal-UE ma jibqax fil-pussess ta' dokument tal-ivvjaġġar validu, sakemm qabel l-irtirar tal-Karta Blu tal-UE, tkun ġiet ipprovduta skadenza raġonevoli għal dak id-detentur tal-Karta Blu tal-UE sabiex jikseb u jippreżenta dokument tal-ivvjaġġar validu; jew

(l) id-detentur tal-Karta Blu tal-UE jonqos milli jikkonforma mal-kondizzjonijiet tal-mobilità:

Iżda għall-finijiet tal-paragrafu (ċ), l-awtorità kompetenti għandha tevalwa s-suffiċjenza tar-riżorsi b'referenza għan-natura u r-

regolarità tagħhom u tista' tqis il-livell tal-pagi minimi nazzjonali, tad-dħul minimu jew tal-pensjonijiet minimi kif ukoll in-numru ta' membri tal-familja tad-detentur tal-Karta Blu tal-UE. Tali evalwazzjoni għandha tqis il-kontribuzzjonijiet tal-membri tal-familja għad-dħul tal-familja.

(2) B'deroga mill-paragrafu (f) tas-subregolament (1), in-nuqqas li ssir komunikazzjoni meħtieġa mis-subregolamenti (2)(a), (3) jew (4) tar-regolament 13, ma għandhiex titqies bħala raġuni suffiċjenti sabiex tiġi rtirata jew ma tiġġeddidx il-Karta Blu tal-UE, jekk id-detentur tal-Karta Blu tal-UE jagħti prova li l-komunikazzjoni ma waslitx għand l-awtorità kompetenti għal raġuni barra mill-kontroll tiegħu.

(3) B'deroga mill-paragrafi (b) u (d) tas-subregolament (1), l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li ma tirtirax jew ma tirrifjutax li ġġedded Karta Blu tal-UE fejn id-detentur tal-Karta Blu tal-UE temporanjament, fi kwalunkwe każ għal mhux aktar minn tnax-il (12) xahar, ma jissodisfax il-kriterji għad-dħul stabbiliti fis-subregolamenti (1)(a), (3) jew, fejn applikabbli, (4) jew (5) tar-regolament 4, bħala riżultat ta' mard, diżabilità jew leave tal-ġenituri.

(4) B'deroga mill-paragrafi (b), (d) u (g) tas-subregolament (1), il-Karta Blu tal-UE ma għandhiex tiġi rtirata u t-tiġdid tagħha ma għandux jiġi rrifjutat f'każ li d-detentur tal-Karta Blu tal-UE jinsab bla xogħol, ħlief fejn:

(a) id-detentur tal-Karta Blu tal-UE jakkumula perjodu ta' qgħad li jaqbeż it-tliet (3) xhur u kien fil-pussess ta' Karta Blu tal-UE għal inqas minn sentejn (2); jew

(b) id-detentur tal-Karta Blu tal-UE jakkumula perjodu ta' qgħad li jaqbeż is-sitt (6) xhur u kien fil-pussess ta' Karta Blu tal-UE għal mill-inqas sentejn (2).

(5) Fejn l-awtorità kompetenti bi ħsiebha tirtira jew ma ġġeddidx Karta Blu tal-UE skont il-paragrafi (f) jew (i) tas-subregolament (1), l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lid-detentur tal-Karta Blu tal-UE bil-quddiem u għandha tistabbilixxi skadenza raġonevoli ta' mill-inqas tliet (3) xhur għad-detentur tal-Karta Blu tal-UE sabiex ifittex impjieg ġdid, soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fis-subregolamenti (1), (2) u (3) tar-regolament 13. Il-perjodu sabiex tfittex impjieg għandu jkun mill-inqas sitt (6) xhur meta d-detentur tal-Karta Blu tal-UE kien impjegat qabel għal mill-inqas sentejn (2).

(6) Bla ħsara għas-subregolament (1), f'każ ta' kwalunkwe

deċiżjoni sabiex tirtira jew tirrifjuta li tiġġedded Karta Blu tal-UE l-awtorità kompetenti għandha tqis iċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ u għandha tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità.

TAQSIMA II

Proċedura tal-Karta Blu tal-UE

Karta Blu tal-UE.

8. (1) Meta ċittadin ta' pajjiż terz jissodisfa l-kriterji stabbiliti fir-regolament 4 u fejn ma tapplika l-ebda raġuni għal rifjut skont ir-regolament 6, għandha tinħariġlu Karta Blu tal-UE. L-awtorità kompetenti għandha toħroġ viża liċ-ċittadin ta' pajjiż terz sabiex jikseb Karta Blu tal-UE.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi perjodu standard ta' validità għall-Karta Blu tal-UE, li ma għandux ikun inqas minn erbgħa u għoxrin (24) xahar. Jekk il-kuntratt tax-xogħol tad-detentur tal-Karta Blu tal-UE jkopri perjodu iqsar, il-Karta Blu tal-UE għandha tkun valida għal mill-inqas it-tul taż-żmien tal-kuntratt tax-xogħol flimkien ma' tliet (3) xhur, iżda għal mhux inqas mill-perjodu standard ta' erbgħa u għoxrin (24) xhur. Madanakollu, jekk il-perjodu ta' validità tad-dokument tal-ivvjaġġar tad-detentur tal-Karta Blu tal-UE hu iqsar mill-perjodu ta' validità tal-Karta Blu tal-UE li jkun japplika skont dan ir-regolament, il-Karta Blu tal-UE għandha tkun valida tal-inqas għall-perjodu ta' validità tad-dokument tal-ivvjaġġar.

(3) (a) Il-Karta Blu tal-UE għandha tinħareġ mill-awtorità kompetenti skont il-format uniformi stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1030/2002;

(b) l-awtorità kompetenti tista' tindika fuq il-Karta Blu tal-UE il-kondizzjonijiet għall-aċċess għas-suq tax-xogħol stabbiliti fir-regolament 13(1). Il-kliem "Karta Blu tal-UE" għandhom jiddaħħlu fl-ispazju riservat għat-"tip ta' permess" fil-permess ta' residenza.

(4) Fejn l-awtorità kompetenti toħroġ Karta Blu tal-UE lil ċittadin ta' pajjiż terz li jkun ingħata protezzjoni internazzjonali mill-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali, l-awtorità kompetenti għandha ddaħħal ir-rimarka li ġejja fil-Karta Blu tal-UE maħruġa lil dak iċ-ċittadin ta' pajjiż terz, taħt l-intestatura "Rimarki": "Protezzjoni internazzjonali mogħtija minn Malta fi [data]". Fejn Malta tirtira l-protezzjoni internazzjonali li jgawdi d-detentur tal-Karta Blu tal-UE, għandha, fejn xieraq, toħroġ Karta Blu tal-UE ġdida li ma jkunx fiha dik ir-rimarka.

(5) Fejn Karta Blu tal-UE tinħareġ mill-awtorità kompetenti lil ċittadin ta' pajjiż terz li jkun benefiċjarju ta' protezzjoni

internazzjonali fi Stat Membru ieħor, l-awtorità kompetenti li toħroġ il-Karta Blu tal-UE għandha ddaħħal ir-rimarka li ġejja fil-Karta Blu tal-UE maħruġa lil dak iċ-ċittadin ta' pajjiż terz, taħt l-intestatura "Rimarki": "Protezzjoni internazzjonali mogħtija minn [isem tal-Istat Membru] fi [data]":

Iżda qabel ma l-awtorità kompetenti ddaħħal dik ir-rimarka, għandha tinnotifika lill-Istat Membru li għandu jissemma f'dik ir-rimarka li bi ħsiebha toħroġ il-Karta Blu tal-UE u titlob lil dak l-Istat Membru sabiex jikkonferma li d-detentur tal-Karta Blu tal-UE għadu benefiċjarju tal-protezzjoni internazzjonali:

Iżda wkoll l-Istat Membru li għandu jissemma fir-rimarka għandu jwieġeb sa mhux aktar tard minn xahar (1) wara li jirċievi t-talba għall-informazzjoni. Fejn il-protezzjoni internazzjonali tkun ġiet irtirata b'deċiżjoni finali, l-awtorità kompetenti li toħroġ il-Karta Blu tal-UE ma għandhiex iddaħħal dik ir-rimarka:

Iżda wkoll fejn, skont l-istrumenti internazzjonali rilevanti jew il-liġi applikabbli, ir-responsabbiltà għall-protezzjoni internazzjonali tad-detentur tal-Karta Blu tal-UE ġiet trasferita lil Malta wara li tkun ħarġet Karta Blu tal-UE skont l-ewwel proviso, l-awtorità kompetenti għandha temenda r-rimarka kif xieraq fi żmien tliet (3) xhur wara t-trasferiment.

(6) Fejn Karta Blu tal-UE tinħareġ mill-awtorità kompetenti abbażi ta' ħiliet professjonali ogħla f'impjiegi mhux elenkati fl-Iskeda, l-awtorità kompetenti li toħroġ il-Karta Blu tal-UE għandha ddaħħal ir-rimarka li ġejja f'dik il-Karta Blu tal-UE, taħt l-intestatura "Rimarki": "[Impjieg mhux elenkat fl-Iskeda]".

(7) Matul il-perjodu tal-validità tagħha, il-Karta Blu tal-UE għandha tintitola lid-detentur tagħha li:

(a) jidħol, jerġa' jidħol u joqgħod fit-territorju ta' Malta; u

(b) igawdi d-drittijiet previsti f'dawn ir-regolamenti.

Applikazz-jonijiet għad-dħul.

9. (1) Applikazzjoni għal Karta Blu tal-UE għandha tiġi sottomessa minn min iħaddem.

(2) Applikazzjoni għal Karta Blu tal-UE għandha tiġi kkunsidrata u eżaminata meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ikun qiegħed jirrisjedi barra minn Malta, jew meta jkun diġà qiegħed jirrisjedi f'Malta bħala detentur ta' permess ta' residenza validu jew viża għal soġġorn twil.

(3) B'deroga mis-subregolament (2), l-awtorità kompetenti tista' taċċetta applikazzjoni għal Karta Blu tal-UE sottomessa minn min iħaddem ċittadin ta' pajjiż terz li ma jkunx fil-pussess ta' permess ta' residenza valida jew viża għal soġġorn twil iżda huwa legalment preżenti f'Malta.

Salvagwardji proċedurali.

10. (1) L-awtorità kompetenti għandha tadotta deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal Karta Blu tal-UE u tinnotifika lill-applikant bil-miktub. Dik id-deċiżjoni għandha tiġi adottata u nnotifikata kemm jista' jkun malajr iżda mhux aktar tard minn disgħin (90) jum wara d-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni kompluta.

(2) Meta d-dokumenti ppreżentati jew l-informazzjoni pprovduta b'sostenn għall-applikazzjoni ma jkunux adegwati jew mhux kompluti, l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lill-applikant bid-dokumenti jew informazzjoni addizzjonali li huma meħtieġa u għandha tistabbilixxi skadenza raġonevoli sabiex jiġu ppreżentati jew provduti. Il-perjodu msemmi fis-subregolament (1), għandu jiġi sospiż sakemm l-awtoritajiet ikunu rċevew id-dokumenti jew l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa. Jekk id-dokumenti addizzjonali jew l-informazzjoni meħtieġa ma jkunux ġew ipprovduti f'dik l-iskadenza, l-applikazzjoni għandha tiġi miċħuda.

(3) Kwalunkwe deċiżjoni sabiex tiġi miċħuda applikazzjoni għal Karta Blu tal-UE, li tiġi rtirata Karta Blu tal-UE jew li ma tiġġeddidx Karta Blu tal-UE għandha tiġi nnotifikata bil-miktub liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat u fejn rilevanti, lil min iħaddmu. In-notifika għandha tispeċifika r-raġunijiet għad-deċiżjoni, fejn jista' jitressaq l-appell u l-awtorità kompetenti li fil-konfront tagħha jista' jintavola appell kif ukoll il-limitu ta' żmien għall-preżentata ta' appell:

Iżda applikant li jħossu aggravat b'deċiżjoni meħuda skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandu d-dritt għall-appell quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni imwaqqaf bl-artikolu 25A tal-Att u skont id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi Att:

Iżda wkoll, applikant li ma għandux biżżejjed riżorsi sabiex jappella minn deċiżjoni, għandu jkun intitolat għal assistenza u rappreżentazzjoni legali mingħajr ħlas. L-assistenza u r-rappreżentanza legali mingħajr ħlas għandhom jinkludu l-preparazzjoni tad-dokumenti proċedurali meħtieġa u l-parteċipazzjoni fis-seduta quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Immigrazzjoni.

(4) Applikant għandu jitħalla jissottometti applikazzjoni għat-tiġdid tal-Karta Blu tal-UE tiegħu f'perjodu ta' żmien li ma jaqbiżx disgħin (90) jum qabel id-data tal-iskadenza tal-Karta Blu tal-UE.

(5) Fejn il-validità tal-Karta Blu tal-UE tiskadi matul il-proċedura ta' tiġdid, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitħalla jibqa' Malta daqslikieku kien detentur tal-Karta Blu tal-UE sakemm l-awtorità kompetenti tkun ħadet deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal tiġdid.

(6) Fejn l-awtorità kompetenti toħroġ permessi ta' residenza għall-fini ta' impjieg bi kwalifiki għoljin, għandha tagħti lid-detenturi tal-Karta Blu tal-UE l-istess salvagwardji proċedurali bħal dawk previsti taħt skemi applikabbli fejn is-salvagwardji proċedurali taħt l-imsemmija skemi applikabbli jkunu aktar favorevoli minn dawk previsti fis-subregolamenti (1) sa (5).

Drittijiet.

11. Meta toħroġ Karta Blu tal-UE, l-awtorità kompetenti ma għandhiex titlob lill-applikanti għal Karta Blu tal-UE jħallsu drittijiet ogħla minn dawk imposti fuq l-applikanti għal permessi nazzjonali.

Sanzjonijiet kontra min iħaddem.

12. (1) Kwalunkwe persuna li tikser kwalunkwe dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, għandha tkun ħatja ta' reat u meta tinstab ħatja, għandha teħel multa li ma taqbiżx elf u ħames mitt euro (€1,500).

(2) Meta l-persuna misjuba ħatja ta' reat skont dawn ir-regolamenti tkun id-direttur, maniġer, segretarju jew uffiċjal prinċipali ieħor ta' korp magħqud, jew tkun persuna li jkollha s-setgħa ta' rappreżentanza ta' tali korp jew ikollha awtorità li tieħu deċiżjonijiet f'isem dak il-korp jew ikollha awtorità sabiex teżerċita kontroll fi ħdan dak il-korp, u r-reat li tiegħu dik il-persuna nstabet ħatja kien imwettaq għall-benefiċċju, xi parti jew kollu ta' dak il-korp magħqud, l-imsemmija persuna għandha għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti titqies li hi vestita bir-rappreżentanza legali tal-istess korp magħqud u għandha teħel multa li ma taqbiżx elfejn u ħames mitt euro (€2,500).

TAQSIMA III

Drittijiet

Aċċess għas-suq tax-xogħol.

13. (1) Id-detenturi tal-Karta Blu tal-UE għandu jkollhom aċċess għal impjieg bi kwalifiki għoljin f'Malta skont il-kundizzjonijiet previsti f'dan ir-regolament:

Iżda l-aċċess għal impjieg li jinvolvi l-eżerċizzju ta' awtorità pubblika u r-responsabbiltà għall-ħarsien tal-interess ġenerali tal-Istat, jista' jkun riżervat għal ċittadini Maltin, ċittadini tal-Unjoni jew ċittadini taż-ŻEE.

(2) Matul l-ewwel tnax-il (12) xahar ta' impjieg legali tal-persuna kkonċernata bħala detentur tal-Karta Blu tal-UE, l-awtorità

kompetenti skont dawn ir-regolamenti għandha:

(a) tesiġi li bidla ta' min iħaddem jew bidla li tista' taffettwa t-twettiq tal-kriterji għad-dħul kif stabbiliti fir-regolament 4 tiġi kkomunikata lill-awtorità kompetenti; u

(b) tissuġġetta kwalunkwe bidla ta' min iħaddem għal verifika tas-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol.

(3) Id-dritt tad-detentur tal-Karta Blu tal-UE li jibdel l-impjieg jista' jiġi sospiż għal massimu ta' tletin (30) jum waqt li l-awtorità kompetenti tivverifika li l-kondizzjonijiet għad-dħul stabbiliti fir-regolament 4 huma sodisfatti u li l-post vakanti ikkonċernat ma setax jimtela mill-persuni elenkati fir-regolament 6(1)(e). L-awtorità kompetenti tista' topponi l-bidla fl-impjieg f'dawk it-tletin (30) jum.

(4) Wara l-iskadenza tal-perjodu ta' tnax-il (12) xahar imsemmi fis-subregolament (2), l-awtorità kompetenti tista' teħtieġ biss li bidla ta' min iħaddem jew bidla li taffettwa t-twettiq tal-kriterji għad-dħul kif stabbiliti fir-regolament 4, jiġu kkomunikati skont il-proċeduri stabbiliti mil-liġi applikabbli. Tali rekwiżit ma għandux jissospendi d-dritt tad-detentur tal-Karta Blu tal-UE li jaċċetta u jwettaq l-impjieg ġdid.

(5) Matul perjodu ta' qgħad, id-detentur tal-Karta Blu tal-UE għandu jkun jista' jfittex u jaċċetta impjieg skont dan ir-regolament.

(6) Id-detentur tal-Karta Blu tal-UE għandu jgħarraf lill-awtorità kompetenti bil-bidu u, fejn xieraq, bit-tmiem tal-perjodu tal-qgħad, skont il-proċeduri applikabbli.

(7) Bla ħsara għall-kriterji għad-dħul stabbiliti fir-regolament 4, l-awtorità kompetenti tista' tħalli lid-detenturi tal-Karta Blu tal-UE jidħlu f'attività ta' impjieg għal rashom b'mod parallel mal-attività f'impjieg bi kwalifiki għoljin, skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-liġi applikabbli. Dan ma għandux jaffettwa l-kompetenza tal-awtorità kompetenti sabiex tillimita l-ambitu tal-attività permessa ta' ħaddiem għal rasu:

Iżda kwalunkwe attività ta' tali impjieg għal rasu għandha tkun sussidjarja għall-attività ewlenija tad-detentur tal-Karta Blu tal-UE.

(8) Fejn l-awtorità kompetenti toħroġ permess ta' residenza nazzjonali għall-fini ta' impjieg bi kwalifiki għoljin, l-awtorità kompetenti għandha tiggarantixxi lid-detenturi tal-Karta Blu tal-UE aċċess għal attivitajiet ta' ħaddiema għal rashom taħt kondizzjonijiet

mhux inqas favorevoli minn dawk previsti taħt l-iskema nazzjonali rilevanti.

(9) Bla ħsara għall-kriterji għad-dħul stabbiliti fir-regolament 4, l-awtorità kompetenti tista' tħalli lid-detenturi tal-Karta Blu tal-UE jwettqu attivitajiet professjonali għajr l-attività ewlenija tagħhom bħala detenturi tal-Karta Blu tal-UE skont il-kondizzjonijiet stabbiliti f' dawn ir-regolamenti.

(10) Dan ir-regolament huwa bla ħsara għall-prinċipju ta' preferenza għaċ-ċittadini tal-Unjoni fejn applikabbli taħt l-Atti ta' Adeżjoni rilevanti.

Trattament ugwali.

14. (1) Id-detenturi tal-Karta Blu tal-UE għandhom igawdu minn trattament ugwali bħal ċittadini Maltin fir-rigward ta':

(a) it-termini tal-impjieg, inkluża l-età minima tax-xogħol, u l-kondizzjonijiet tax-xogħol, inklużi l-paga u t-tkeċċija, il-ħinijiet tax-xogħol, il-leave u l-vaganzi, kif ukoll ir-rekwiżiti tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol;

(b) il-libertà ta' assoċjazzjoni u affiljazzjoni u sħubija ta' organizzazzjoni li tirrappreżenta lill-ħaddiema jew lil min iħaddem jew ta' kwalunkwe organizzazzjoni li l-membri tagħha jkunu jwettqu xi xogħol speċifiku, inklużi d-drittijiet u l-benefiċċji mogħtija minn dawk l-organizzazzjonijiet, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-politika pubblika u sigurtà pubblika;

(ċ) l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali:

Iżda l-awtorità kompetenti tista' tirrestrinġi t-trattament ugwali fir-rigward ta' għotjiet u self ta' studju u manteniment jew għotjiet u self oħra fir-rigward ta' edukazzjoni sekondarja u ogħla u taħriġ vokazzjonali. L-aċċess għall-edukazzjoni universitarja u post-sekondarja huwa soġġett għal prerekwiżiti speċifiċi skont il-liġijiet applikabbli;

(d) ir-rikonoxximent ta' diplomi, ċertifikati u kwalifiki professjonali oħra skont il-proċeduri applikabbli rilevanti;

(e) il-fergħat tas-sigurtà soċjali msemmija fl-artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004; u

(f) l-aċċess għal oġġetti u servizzi u l-provvista ta' oġġetti u servizzi disponibbli għall-pubbliku, inklużi proċeduri għall-kisba ta' akkomodazzjoni, kif ukoll servizzi ta' informazzjoni u konsulenza pprovduti mill-awtorità responsabbli

għall-impjieg:

Iżda l-awtorità kompetenti tista' tirrestrinġi t-trattament ugwali fir-rigward tal-proċeduri għall-kisba ta' akkomodazzjoni, bla ħsara għal-libertà kuntrattwali skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea u l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali u r-regolamenti magħmula taħtu. Kap. 318.

(2) Id-detenturi tal-Karta Blu tal-UE li jirrilokaw lejn pajjiż terz, jew is-superstiti tagħhom li jirrisjedu f'pajjiż terz u li jiksbu drittijiet minn detentur tal-Karta Blu tal-UE għandhom jirċievu fir-rigward ta' anzjanità, invaliditá u mewt, pensjonijiet statutorji bbażati fuq l-impjieg preċedenti tad-detentur tal-Karta Blu tal-UE li nkisbu skont il-leġiżlazzjoni msemmija fl-artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004, bl-istess kondizzjonijiet u bl-istess rati bħaċ-ċittadini Maltin fejn tali ċittadini jirrilokaw lejn pajjiż terz.

(3) Id-dritt għal trattament ugwali stabbilit fis-subregolament (1) huwa bla ħsara għad-dritt tal-awtorità kompetenti li tirtira jew li tirrifjuta li ġġedded il-Karta Blu tal-UE skont ir-regolament 7.

(4) Dan ir-regolament ma għandux japplika għad-detenturi tal-Karta Blu tal-UE li huma benefiċjarji tad-dritt tal-moviment liberu taħt il-liġi tal-Unjoni fit-territorju Malti.

(5) Dan ir-regolament japplika għad-detenturi tal-Karta Blu tal-UE li huma benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali biss meta jirrisjedu fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru li tahom protezzjoni internazzjonali.

(6) Fejn l-awtorità kompetenti toħroġ permessi għal residenza għall-fini ta' impjieg bi kwalifiki għoljin, għandha tagħti lid-detenturi tal-Karta Blu tal-UE l-istess drittijiet ta' trattament ugwali bħal dawk mogħtija lid-detenturi ta' permessi għal residenza, fejn tali drittijiet ta' trattament ugwali jkunu aktar favorevoli minn dawk previsti f'dan ir-regolament.

15. (1) Id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji għandhom japplikaw, soġġett għad-derogi stabbiliti f'dan ir-regolament. Membri tal-familja. L.S. 217.06.

(2) B'deroga mir-regolament 3(1) u r-regolament 13 tar-Regolamenti dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji, ir-rijunifikazzjoni tal-familja ma għandhiex issir dipendenti fuq id-detentur tal-Karta Blu tal-UE li jkollu prospetti raġonevoli li jikseb id-dritt ta' residenza permanenti, li jkollu permess ta' residenza għal perjodu ta' validità ta' sena (1) jew aktar, jew li jkollu perjodu minimu ta' residenza. L.S. 217.06.

L.S. 217.06.

(3) B'deroga mir-regolamenti 4(1) u (2) u 14(3) tar-Regolamenti dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji, il-kondizzjonijiet u l-miżuri ta' integrazzjoni msemmija fihom jistgħu jiġu applikati, iżda biss wara li l-persuni kkonċernati jkunu ngħataw ir-rijunifikazzjoni tal-familja.

L.S. 217.06.

(4) B'deroga mir-regolament 9 tar-Regolamenti tar-Riunifikazzjoni tal-Familji, fejn il-kondizzjonijiet għar-rijunifikazzjoni tal-familja jkunu ġew sodisfatti u l-applikazzjonijiet kompluti jkunu ġew sottomessi simultanjament, id-deċiżjonijiet dwar l-applikazzjonijiet tal-membri tal-familja għandhom jiġu adottati u notifikati fl-istess ħin tad-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal Karta Blu tal-UE. Fejn il-membri tal-familja jingħaqdu mad-detentur tal-Karta Blu tal-UE wara li tkun ingħatat il-Karta Blu tal-UE u fejn il-kondizzjonijiet għar-rijunifikazzjoni tal-familja jkunu ġew sodisfatti, id-deċiżjoni għandha tiġi adottata u nnotifikata malajr kemm jista' jkun iżda mhux aktar tard minn disgħin (90) jum wara d-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni kompluta. Is-subregolamenti (2) u (3) ta' dan ir-regolament għandhom japplikaw skont il-ħtieġa.

L.S. 217.06.

(5) B'deroga mir-regolament 14(2) tar-Regolamenti dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji, it-tul ta' żmien ta' validità tal-permessi ta' residenza tal-membri tal-familja għandu jkun l-istess bħal dak tal-Karta Blu tal-UE safejn il-perjodu ta' validità tad-dokumenti tal-ivvjaġġar tagħhom jippermetti dan.

L.S. 217.06.

(6) B'deroga mir-regolament 15(b) tar-Regolamenti dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji, l-awtorità kompetenti ma għandha tapplika l-ebda limitu ta' żmien fir-rigward ta' aċċess għas-suq tax-xogħol għall-membri tal-familja.

L.S. 217.06.

(7) B'deroga mir-regolament 15 tar-Regolamenti dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji, u bla ħsara għar-restrizzjonijiet imsemmija fir-regolament 13(8), il-membri tal-familja għandu jkollhom aċċess għal kwalunkwe impjieg, u attività ta' ħaddiema għal rashom skont ir-rekwiżiti applikabbli skont l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali u r-regolamenti magħmula taħtu.

Kap. 452.

L.S. 217.06.

(8) B'deroga mir-regolament 16 tar-Regolamenti dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji, għall-finijiet tal-kalkolu tat-tul ta' żmien ta' residenza meħtieġ għall-akkwist ta' permess ta' residenza awtonomu, ir-residenza fi Stati Membri differenti għandha tiġi akkumulata. L-awtorità kompetenti tista' teħtieġ sentejn (2) ta' residenza legali u kontinwa fit-territorju tal-Istat Membru fejn l-applikazzjoni għall-permess ta' residenza awtonomu tiġi sottomessa immedjatament qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni rilevanti.

(9) Dan ir-regolament ma għandux japplika għal membri tal-

familja ta' detenturi ta' Karta Blu tal-UE li huma benefiċjarji tad-dritt ta' moviment liberu taħt il-liġi tal-Unjoni f'Malta.

(10) Dan ir-regolament għandu japplika għall-membri tal-familja tad-detenturi tal-Karta Blu tal-UE li huma benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali biss meta dawk id-detenturi tal-Karta Blu tal-UE jirrisjedu fi Stat Membru għajr l-Istat Membru li ħarġilhom il-protezzjoni internazzjonali.

(11) Fejn l-awtorità kompetenti toħroġ permessi ta' residenza għall-fini ta' impjieg bi kwalifiki għoljin, għandha tagħti lid-detenturi tal-Karta Blu tal-UE u lill-membri tal-familja tagħhom l-istess drittijiet bħal dawk mogħtija lid-detenturi ta' permessi ta' residenza u lill-membri tal-familja tagħhom fejn dawn id-drittijiet ikunu aktar favorevoli minn dawk previsti f'dan ir-regolament.

Status ta' resident għal żmien twil għad-detenturi tal-Karta Blu tal-Unjoni Ewropea. L.S. 217.05.

16. (1) Id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar Status ta' Residenti li joqgħodu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi) għandhom japplikaw soġġett għad-derogi stabbiliti f'dan ir-regolament.

L.S. 217.05.

(2) B'deroga mir-regolament 4(1) tar-Regolamenti dwar Status ta' Residenti li joqgħodu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi), detentur ta' Karta Blu tal-UE li għamel użu mill-possibbiltà prevista fir-regolament 19, jista' jakkumula perjodi ta' residenza fi Stati Membri differenti sabiex jissodisfa r-rekwiżit li jikkonċerna t-tul taż-żmien tar-residenza, sakemm id-detentur tal-Karta Blu tal-UE jkun akkumula:

L.S. 217.05.

(a) in-numru ta' snin ta' residenza legali u kontinwa meħtieġa skont ir-regolament 4(1) tar-Regolamenti dwar Status ta' Residenti li joqgħodu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi) bħala detentur ta' Karta Blu tal-UE, permess ta' residenza għal impjieg bi kwalifi għoljin, awtorizzazzjoni bħala riċerkatur jew, fejn xieraq, awtorizzazzjoni bħala student skont ir-regolament 4(2) tar-Regolamenti dwar Status ta' Residenti li joqgħodu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi) jew bħala benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali fi ħdan it-territorju ta' Malta; u

(b) sentejn (2) ta' residenza legali u kontinwa bħala detentur tal-Karta Blu tal-UE fit-territorju tal-Istat Membru fejn l-applikazzjoni għall-istatus ta' resident tal-Unjoni Ewropea għal żmien twil tiġi sottomessa immedjatament qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni rilevanti.

(3) Għall-fini ta' kalkolu tat-tul ta' żmien ta' residenza legali u kontinwa fl-Unjoni msemmija fis-subregolament 2(a) u b'deroga mir-regolament 4(3) tar-Regolamenti dwar Status ta' Residenti li joqgħodu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi), perjodi ta' assenza mit-territorju ta' Malta ma għandhomx jinterrompu t-tul ta' żmien tar-residenza legali u kontinwa fl-Unjoni Ewropea jekk dawk il-perjodi ta' assenza huma iqsar minn tnax-il (12) xahar konsekuttivi u b'kollox ma jaqbżux tmintax-il (18) xahar f'dak it-tul ta' żmien.

L.S. 217.05.

(4) B'deroga mir-regolament 9(1) tar-Regolamenti dwar Status ta' Residenti li joqgħodu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi), l-awtorità kompetenti għandha testendi għal erbgħa u għoxrin (24) xahar konsekuttivi l-perjodu ta' assenza mit-territorju tal-Unjoni li matulu resident tal-Unjoni Ewropea għal żmien twil għandu permess ta' residenza għal żmien twil li jkollu r-rimarka msemmija fir-regolament 16(2) u l-membri tal-familja tiegħu li ngħataw status ta' residenti tal-Unjoni Ewropea għal żmien twil jitħallew ikunu assenti.

(5) Ir-regolament 14(1)(f), ir-regolament 14(3), ir-regolament 17 u, fejn applikabbli, ir-regolamenti 15 u 20 japplikaw għal detenturi ta' permess ta' residenza għal żmien twil li jkollu r-rimarka msemmija fir-regolament 17(2).

L.S. 217.05.

(6) Meta resident tal-Unjoni Ewropea għal żmien twil li għandu permess ta' residenza għal żmien twil li jkollu r-rimarka msemmija fir-regolament 17(2) jeżerċita d-dritt tiegħu li jirriloka fit-tieni Stat Membru skont it-Taqsima III tar-Regolamenti dwar Status ta' Residenti li joqgħodu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi), ir-regolamenti 13(3) u (4) ma għandhomx japplikaw. It-tieni Stat Membru jista' japplika miżuri skont ir-regolament 19(8).

Permess ta' residenza għal żmien twil.

17. (1) Id-detenturi tal-Karta Blu tal-UE li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-regolament 18 għall-akkwist ta' status ta' resident tal-Unjoni Ewropea għal żmien twil għandu jinħariġlu permess ta' residenza skont ir-Regolament (KE) Nru 1030/2002.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tindika l-kliem "Ex detentur tal-Karta Blu tal-UE" fil-permess ta' residenza msemmi fis-subregolament (1) taħt l-intestatura "rimarki".

TAQSIMA IV

Mobilità bejn l-Istati Membri

Mobilità għal żmien qasir.

18. (1) Meta ċittadin ta' pajjiż terz li jkollu Karta Blu tal-UE valida maħruġa minn Stat Membru ieħor li japplika l-*acquis* ta' Schengen b'mod sħiħ jidħol u jibqa' Malta għal perjodu ta' disgħin (90) jum fi kwalunkwe perjodu ta' mija u tmenin (180) jum għall-fini

tat-twettiq ta' attività kummerċjali, l-awtorità kompetenti ma għandha teħtieġ l-ebda awtorizzazzjoni għall-eżerċizzju ta' tali attività għajr il-Karta Blu tal-UE.

(2) Ċittadin ta' pajjiż terz li għandu Karta Blu tal-UE valida maħruġa minn Stat Membru ieħor li ma japplikax l-*acquis* ta' Schengen b'mod sħiħ, għandu jkun intitolat li jidħol u jibqa' għall-fini li jwettaq attività kummerċjali f'Malta sa disgħin (90) jum fi kwalunkwe perjodu ta' mija u tmenin (180) jum abbażi tal-Karta Blu tal-UE u dokument tal-ivvjaġġar validu. Fejn id-detentur tal-Karta Blu tal-UE jaqsam fruntiera interna li għaliha l-kontrolli jkunu għadhom ma tneħħewx f'Malta, l-awtorità kompetenti tista' titlob lid-detentur tal-Karta Blu tal-UE sabiex jipprovdi evidenza tal-għan tan-negozju tas-soġġorn. L-awtorità kompetenti ma għandha teħtieġ l-ebda awtorizzazzjoni għall-eżerċizzju tal-attività kummerċjali għajr il-Karta Blu tal-UE.

Mobilità għal żmien twil.

19. (1) Wara tnax-il (12) xahar ta' residenza legali fl-ewwel Stat Membru bħala detentur ta' Karta Blu tal-UE, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jkun intitolat li jidħol, jirrisjedi u jaħdem f'Malta għall-fini ta' impjieg bi kwalifiki għoljin f'Malta abbażi tal-Karta Blu tal-UE u dokument tal-ivvjaġġar validu skont il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-regolament.

(2) Fejn il-Karta Blu tal-UE tinħareġ minn Stat Membru ieħor li ma japplikax l-*acquis* ta' Schengen b'mod sħiħ, u d-detentur tal-Karta Blu tal-UE jaqsam, għall-fini ta' mobilità għal żmien twil, fruntiera interna li għaliha l-kontrolli jkunu għadhom ma tneħħewx f'Malta, l-awtorità kompetenti tista' titlob lid-detentur tal-Karta Blu tal-UE sabiex jippreżenta l-Karta Blu tal-UE valida maħruġa mill-ewwel Stat Membru u kuntratt ta' xogħol jew offerta ta' xogħol vinkolanti għal impjieg bi kwalifiki għoljin għal perjodu ta' mill-inqas sitt (6) xhur f'Malta.

(3) (a) Mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn xahar (1) wara li d-detentur tal-Karta Blu tal-UE jkun daħal fit-territorju ta' Malta, applikazzjoni għal Karta Blu tal-UE għandha tiġi sottomessa lill-awtorità kompetenti minn min iħaddem. Dik l-applikazzjoni għandha tkun akkumpanjata mid-dokumenti kollha li jagħtu prova li l-kondizzjonijiet imsemmija fis-subregolament (4) ikunu ġew sodisfatti.

(b) Id-detentur tal-Karta Blu tal-UE għandu jitħalla jibda jaħdem f'Malta mhux aktar tard minn tletin (30) jum wara d-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni kompluta.

(ċ) L-applikazzjoni tista' tiġi sottomessa lill-awtorità kompetenti waqt li d-detentur tal-Karta Blu tal-UE jkun għadu

jirrisjedi fit-territorju tal-ewwel Stat Membru.

(4) Għall-finijiet ta' applikazzjoni kif imsemmija fis-subregolament (3), l-applikant għandu jippreżenta:

(a) il-Karta Blu tal-UE valida maħruġa mill-ewwel Stat Membru;

(b) kuntratt tax-xogħol validu jew, kif previst fil-liġi applikabbli, offerta ta' xogħol vinkolanti għal impjieg bi kwalifiki għoljin għal perjodu ta' mill-inqas sitt (6) xhur f'Malta;

(ċ) għal professjonijiet regolati, dokumenti li jattestaw li l-kondizzjonijiet stabbiliti skont il-liġi applikabbli għall-eżerċizzju minn ċittadini tal-Unjoni Ewropea tal-professjoni regolata speċifikata fil-kuntratt tax-xogħol jew fl-offerta ta' xogħol vinkolanti jkunu ġew sodisfattti kif previst fil-liġi applikabbli;

(d) dokument tal-ivvjaġġar validu; u

(e) evidenza li ntlaħaq il-limitu tas-salarju skont ir-regolament 4(1).

(5) Fir-rigward tal-paragrafu (ċ) tas-subregolament (3), għall-fini ta' applikazzjoni għal Karta Blu tal-UE f'Malta, id-detenturi tal-Karta Blu tal-UE għandhom igawdu trattament ugwali bħaċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tar-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali, skont il-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali applikabbli:

Iżda għal professjonijiet mhux regolati, fejn l-ewwel Stat Membru jkun ħareġ Karta Blu tal-UE abbażi ta' ħiliet professjonali ogħla għal impjiegi mhux elenkati fl-Iskeda, l-applikant jista' jintalab jippreżenta dokumenti li jattestaw kwalifiki professjonali ogħla fir-rigward tax-xogħol li għandu jiġi mwettaq, kif previst fil-liġi applikabbli.

(6) Għall-finijiet ta' applikazzjoni kif imsemmija fis-subregolament 3, l-awtorità kompetenti tista' titlob lill-applikant:

(a) għal professjonijiet mhux regolati, fejn id-detentur tal-Karta Blu tal-UE jkun ħadem għal inqas minn sentejn (2) fl-ewwel Stat Membru, sabiex jippreżenta dokumenti li jattestaw kwalifiki professjonali ogħla fir-rigward tax-xogħol li jrid jitwettaq, kif previst fil-liġi applikabbli;

(b) sabiex jipprovdi evidenza li għandu, jew jekk previst mill-Att dwar is-Sigurtà Soċjali u r-regolamenti magħmula taħtu,

Kap. 318.

li jkun applika għal assigurazzjoni tal-mard għar-riskji kollha normalment koperti għaċ-ċittadini Maltin ikkonċernati għal perjodi meta l-ebda tali kopertura ta' assigurazzjoni jew intitolament ma' korrispondenti għal benefiċċji ma jkun previst b'rabta mal-, jew li jirriżulta mill-kuntratt tax-xogħol.

(7) L-awtorità kompetenti għandha tirrifjuta applikazzjoni għal Karta Blu tal-UE fejn:

(a) ma jkunx hemm konformità mas-subregolament (4);

(b) id-dokumenti ppreżentati jkunu ġew akkwistati b'mod frawdolenti, iffalsifikati jew imbagħbsa;

(ċ) l-impjieg ma jikkonformax mal-kondizzjonijiet stabbiliti taħt il-liġi applikabbli, stabbiliti fi ftehim kollettiv jew stabbiliti bi prattiċi kif imsemmija fir-regolament 4(2); jew

(d) id-detentur tal-Karta Blu tal-UE jirrappreżenta theddida għall-politika pubblika, is-sigurtà pubblika jew is-saħħa pubblika.

(8) Fir-rigward ta' kwalunkwe proċedura ta' applikazzjoni għall-fini ta' mobilità għal żmien twil, is-salvagwardji proċedurali stabbiliti fir-regolamenti 10(2) u (3) għandhom japplikaw skont dan:

Iżda bla ħsara għas-subregolament (4), deċiżjoni li tiġi miċħuda applikazzjoni għal mobilità għal żmien twil għandha tqis iċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ u għandha tirrispetta l-prinċipju ta' proporzjonalità.

(9) L-awtorità kompetenti tista' tirrifjuta applikazzjoni għal Karta Blu tal-UE abbażi ta' verifika mwettqa skont ir-regolament (6)(1)(e), biss jekk dak l-Istat Membru jwettaq tali verifiki meta jkun l-ewwel Stat Membru.

(10) L-awtorità kompetenti għandha tadotta waħda mid-deċiżjonijiet li ġejjin dwar applikazzjoni għal Karta Blu tal-UE:

(a) fejn il-kondizzjonijiet għall-mobilità stabbiliti f'dan ir-regolament ikunu ġew sodisfatti, li toħroġ Karta Blu tal-UE u tippermetti liċ-ċittadin ta' pajjiż terz jirrisjedi f'Malta għall-fini ta' impjieg bi kwalifiki għoljin; jew

(b) fejn il-kondizzjonijiet għall-mobilità stabbiliti f'dan ir-regolament ma jiġux sodisfatti, li tiċħad l-applikazzjoni u titlob lill-applikant u lill-membri tal-familja tiegħu, skont il-proċeduri previsti fil-liġi nazzjonali, jitilqu minn Malta:

Iżda b'deroga mir-regolament 9(1), l-awtorità kompetenti għandha tavża lill-applikant u lill-ewwel Stat Membru bid-deċiżjoni tagħha bil-miktub kemm jista' jkun malajr, iżda mhux aktar tard minn tletin (30) jum wara d-data ta' sottomissjoni tal-applikazzjoni kompluta.

(11) Taħt ċirkostanzi eċċezzjonali u debitament ġustifikati marbuta mal-kumplessità tal-applikazzjoni, l-awtorità kompetenti tista' testendi l-iskadenza msemmija fil-proviso preċedenti bi tletin (30) jum. Għandha tinforma lill-applikant bl-estensjoni mhux aktar tard minn tletin (30) jum wara d-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni kompluta. Fin-notifika tagħha lill-ewwel Stat Membru, l-awtorità kompetenti għandha tispeċifika kwalunkwe raġunijiet msemmija fil-paragrafi (b) u (d) tas-subregolament (7), għaċ-ċaħda tal-applikazzjoni.

(12) Fejn il-Karta Blu tal-UE maħruġa mill-ewwel Stat Membru tiskadi matul il-proċedura tal-applikazzjoni, l-awtorità kompetenti tista' toħroġ permess ta' residenza temporanju, jew awtorizzazzjoni ekwivalenti, li tippermetti lill-applikant ikompli joqgħod legalment f'Malta sakemm deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tkun ittieħdet mill-awtorità kompetenti.

(13) Mit-tieni darba li detentur tal-Karta Blu tal-UE u, fejn applikabbli, il-membri tal-familja tiegħu jagħmlu użu mill-possibbiltà li jirrilokaw fi Stat Membru ieħor taħt dan ir-regolament u r-regolament 20, "l-ewwel Stat Membru" għandha tinftiehem bħala li tfisser l-Istat Membru minn fejn il-persuna kkonċernata tirriloka u "it-tieni Stat Membru" għandha tinftiehem li tfisser l-Istat Membru li fih tkun qed tapplika sabiex tirrisjedi. Minkejja s-subregolament (1), detentur tal-Karta Blu tal-UE jista' jirriloka lejn Stat Membru ieħor għat-tieni darba wara sitt (6) xhur ta' residenza legali fl-ewwel Stat Membru bħala detentur tal-Karta Blu tal-UE.

Residenza f'Malta bħala t-tieni Stat Membru għall-membri tal-familja.

20. (1) Meta detentur tal-Karta Blu tal-UE jirriloka f'Malta skont ir-regolament 19 u fejn il-familja tad-detentur tal-Karta Blu tal-UE kienet diġà kostitwita fl-ewwel Stat Membru, il-membri tal-familja tiegħu għandhom ikunu intitolati li jakkumpanjaw jew jingħaqdu mad-detentur tal-Karta Blu tal-UE:

L.S. 217.06.

Iżda r-Regolamenti dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji u r-regolament 15 għandhom japplikaw fil-każijiet imsemmija fis-subregolament (1), soġġetti għad-derogi previsti fis-subregolamenti (2) sa (7):

Iżda wkoll fejn il-familja ma kinitx diġà kostitwita fl-ewwel Stat Membru, għandu japplika r-regolament 15.

(2) B'deroga mir-regolament 14(1) tar-Regolamenti tar-Rijunifikazzjoni tal-Familji, il-membri tal-familja tad-detentur tal-Karta Blu tal-UE għandhom ikunu intitolati li jidħlu u joqogħdu f'Malta abbażi tal-permessi validi ta' residenza miksuba fl-ewwel Stat Membru bħala membri tal-familja ta' detentur tal-Karta Blu tal-UE: L.S. 217.06.

Iżda fejn il-permessi ta' residenza tal-membri tal-familja jinħarġu minn Stat Membru li ma japplikax l-*acquis* ta' Schengen b'mod sħiħ, u dawk il-membri tal-familja jingħaqdu mad-detentur tal-Karta Blu tal-UE meta jaqsmu fruntiera interna li għaliha jkunu għadhom ma tneħħewx il-kontrolli għall-fini ta' ċaqliq lejn Malta, l-awtorità kompetenti tista' titlob lill-membri tal-familja jippreżentaw il-permessi ta' residenza li jkunu kisbu fl-ewwel Stat Membru bħala membri tal-familja tad-detentur tal-Karta Blu tal-UE.

(3) B'deroga mir-regolament 8 tar-Regolamenti dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji, mhux aktar tard minn xahar (1) wara d-dħul f'Malta, il-membri tal-familja kkonċernati jew id-detentur tal-Karta Blu tal-UE, għandhom jissottomettu applikazzjoni għal permess ta' residenza bħala membru tal-familja lill-awtorità kompetenti skont dawn ir-regolamenti: L.S. 217.06.

Iżda meta l-permess ta' residenza ta' membru tal-familja maħruġ mill-ewwel Stat Membru jiskadi matul il-proċedura jew ma jagħtix aktar id-dritt lid-detentur jirrisjedi legalment f'Malta, l-awtorità kompetenti għandha tħalli lill-membru tal-familja jibqa' Malta sakemm deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tkun ittieħdet mill-awtorità kompetenti, jekk meħtieġ billi jinħareġ permess ta' residenza temporanju jew awtorizzazzjoni ekwivalenti.

(4) B'deroga mir-regolament 6 u r-regolament 12 tar-Regolamenti dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji, l-awtorità kompetenti għandha titlob lill-membri tal-familja kkonċernati sabiex jippreżentaw jew jipprovdu mal-applikazzjoni tagħhom għal permess ta' residenza: L.S. 217.06.

(a) il-permess ta' residenza tagħhom fl-ewwel Stat Membru u dokument validu tal-ivvjaġġar, jew kopji ċċertifikati tiegħu;

(b) evidenza li kienu residenti bħala membri tal-familja tad-detentur tal-Karta Blu tal-UE fl-ewwel Stat Membru;

(ċ) evidenza dokumentata kif imsemmija fir-regolament 12 tar-Regolamenti dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji. L.S. 217.06.

(5) Fejn il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-regolament ikunu ġew sodisfatti u l-applikazzjonijiet ikunu ġew sottomessi

simultanjament, l-awtorità kompetenti għandha toħroġ il-permessi ta' residenza għall-membri tal-familja fl-istess ħin mal-Karta Blu tal-UE:

Iżda b'deroga mir-regolament 15(4), fejn il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-regolament ikunu ġew sodisfatti u l-membri tal-familja jingħaqdu mad-detentur tal-Karta Blu tal-UE wara li tkun ingħatat il-Karta Blu tal-UE, permessi ta' residenza għall-membri tal-familja għandhom jingħataw mhux aktar tard minn tletin (30) jum wara d-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni kompluta:

Iżda wkoll f'ċirkostanzi debitament ġustifikati marbuta mal-kumplessità tal-applikazzjoni, il-perjodu ta' tletin (30) jum jista' jiġi estiż b'massimu ta' tletin (30) jum oħra.

(6) Dan ir-regolament japplika għall-membri tal-familja tad-detenturi tal-Karta Blu tal-UE li huma benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali biss meta dawk id-detenturi tal-Karta Blu tal-UE jmorru jirrisjedu fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru li tahom il-protezzjoni internazzjonali.

(7) Dan ir-regolament ma għandux japplika għal membri tal-familja ta' detenturi ta' Karta Blu tal-UE li huma benefiċjarji tad-dritt ta' moviment liberu taħt il-liġi tal-Unjoni Ewropea f'Malta.

Salvagwardji f'każijiet ta' mobilità.

21. (1) Minkejja r-regolament 7(1)(a) u r-regolament 7(1)(e), fejn detentur ta' Karta Blu tal-UE jmur fi Stat Membru ieħor skont ir-regolament 19, l-ewwel Stat Membru ma għandux jirtira l-Karta Blu tal-UE qabel it-tieni Stat Membru jkun ħa deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għal mobilità għal żmien twil.

(2) Meta t-tieni Stat Membru jiċħad l-applikazzjoni għal Karta Blu tal-UE skont ir-regolament 19(10)(b), l-ewwel Stat Membru għandu, fuq talba tat-tieni Stat Membru, jippermetti d-dħul mill-ġdid tad-detentur tal-Karta Blu tal-UE u, fejn applikabbli, tal-membri tal-familja tiegħu jew tagħha, mingħajr formalitajiet u mingħajr dewmien. Dan għandu japplika wkoll jekk il-Karta Blu tal-UE maħruġa mill-ewwel Stat Membru tkun skadiet jew tkun ġiet irtirata waqt l-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni.

(3) Id-detentur tal-Karta Blu tal-UE jew min iħaddem fit-tieni Stat Membru jista' jinżamm responsabbli għall-ispejjeż relatati mad-dħul mill-ġdid tad-detentur tal-Karta Blu tal-UE u tal-membri tal-familja tiegħu kif imsemmi fis-subregolament (2).

(4) Meta Stat Membru jirtira jew ma jġeddidx Karta Blu tal-UE li jkollha r-rimarka msemmija fir-regolament 8(5) u jiddeċiedi li jkeċċi ċ-ċittadin ta' pajjiż terz, għandu jitlob lill-Istat Membru indikat f'dik ir-rimarka sabiex jikkonferma li l-persuna kkonċernata għadha

benefiċjarja ta' protezzjoni internazzjonali f'dak l-Istat Membru. L-Istat Membru indikat f'dik ir-rimarka għandu jwieġeb fi żmien xahar (1) wara li jirċievi t-talba għall-informazzjoni.

(5) Fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun għadu benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali fl-Istat Membru indikat f'dik ir-rimarka, dik il-persuna għandha tiġi mkeċċija lejn dak l-Istat Membru li għandu, mingħajr preġudizzju għal-liġi applikabbli tal-Unjoni Ewropea jew nazzjonali u għall-prinċipju ta' għaqda tal-familja, jippermetti minnufih id-dħul mill-ġdid, mingħajr formalitajiet, ta' dik il-persuna u tal-membri tal-familja tagħha.

(6) B'deroga mis-subregolament (5), l-Istat Membru li jkun adotta d-deċiżjoni ta' tkeċċija għandu jżomm id-dritt li jneħħi liċ-ċittadin ta' pajjiż terz, skont l-obbligi internazzjonali tiegħu, f'pajjiż ieħor għajr l-Istat Membru li ta protezzjoni internazzjonali, fejn il-kondizzjonijiet speċifikati fl-artikolu 14(2) tal-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali jkunu ġew sodisfatti fir-rigward ta' dak iċ-ċittadin ta' pajjiż terz. Kap. 420.

(7) Fejn detentur tal-Karta Blu tal-UE jew il-membri tal-familja tiegħu jaqsmu l-fruntiera esterna ta' Stat Membru li japplika l-*acquis* ta' Schengen b'mod sħiħ, dak l-Istat Membru għandu jikkonsulta s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen skont ir-Regolament (UE) 2016/399. Dak l-Istat Membru għandu jirrifjuta d-dħul għal persuni li għalihom tkun inħarġet twissija għall-finijiet ta' rifjut ta' dħul u soġġorn fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.

22. (1) L-awtorità kompetenti għandha tagħmel aċċessibbli faċilment lill-applikanti għal Karta Blu tal-UE informazzjoni dwar l-evidenza dokumentarja meħtieġa għal applikazzjoni, kif ukoll informazzjoni dwar kondizzjonijiet ta' dħul u residenza applikabbli għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqgħu taħt l-ambitu ta' applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti u lill-membri tal-familja tagħhom, inklużi d-drittijiet u l-obbligi tagħhom u s-salvagwardji proċedurali. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar il-limiti tas-salarji stabbiliti skont il-liġi applikabbli. Aċċess għal informazzjoni u monitoraġġ.

(2) Dik l-informazzjoni għandha tinkludi wkoll informazzjoni dwar:

(a) attivitajiet ta' negozju fit-territorju ta' Malta li fihom detentur ta' Karta Blu tal-UE minn Stat Membru ieħor kif imsemmi fir-regolament 21 huwa permess li jimpenja ruħu; u

(b) il-proċeduri applikabbli għall-kisba ta' Karta Blu tal-UE u permessi ta' residenza għal membri tal-familja fit-tieni Stat Membru, skont dawn ir-regolamenti.

Thassir u riżervi. L.S. 217.15.

23. Ir-Regolamenti dwar il-Kondizzjonijiet ta' Dħul u Residenza ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi għall-Finijiet ta' Impjieg bi Kwalifiki Għoljin huma b'dawn imħassra, bla ħsara għal kwalunkwe ħaġa li saret jew li naqset milli ssir taħthom.

SKEDA

Lista ta' impjiegi msemmija f'dawn ir-regolamenti

Managers u professjonisti tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni li jkunu akkwistaw mill-inqas tliet (3) snin ta' esperjenza professjonali rilevanti fi żmien seba' (7) snin qabel l-applikazzjoni għal Karta Blu tal-UE li tappartjeni għall-gruppi li ġejjin tal-klassifikazzjoni ISCO-08:

(1) 133 Managers tas-Servizzi tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni;

(2) 25 Professjonisti tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni.
